MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2005

Rikors Numru. 21/2005

**Bank of Valletta plc.**

**-vs-**

**Chervil Limited et.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikorsipprezentat fil-11 ta' Jannar, 2005 li permezz tieghu s-socjeta' attrici esponiet:

Illi in forza ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 30 t'Ottubru, 1998, in atti Nutar Dottor Alexander Joseph Sciberras Trigona (Dok "A"), is-socjeta' intimata ikkostitwiet ruhha vera, certa u likwida debitrici tas-socjeta' Bank of

Valletta p.l.c. fis-somma ta' wiehed u erbghin elf, tmien mija u sitta u sebghin Liri Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm41,876.89) oltre l-imghaxijiet ulterjuri sal-jum tal-pagament effettiv u liema kuntratt gie rez ezegwibbli permezz ta' ittra ufficjali datata 20t'Awissu, 1999 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u markata bhala dokument "B";

Illi ghaddew aktar minn hames (5) snin minn meta l-kuntratt fuq imsemmi seta' jigi ezegwit u d-debitu tas-socjeta' intimata ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti titlob umilment illi Din l-Onorabbli Qorti Joghgobha Tawtorizzaha tezegwixxi il-kuntratt datat 30 t'Ottubru, 1998 in atti Nutar Dottor Alexander Joseph Sciberras Trigono (Dok. "A") fl-ismijiet fuq imsemmija sabiex tottjeni l-pagament ta' tlieta u erbghin elf, erba' mija u sebgha u tmenin Liri Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm43,487.52) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t'April, 1999 sad-data ta' l-effettiv pagament; bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' intimata.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa mill-P.L Joseph Zammit, I.D 19834(G) u l-lista tax-xhieda.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci.

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici.

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici.

Ezaminat l-atti tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

**Fil-kontumacja tas-socjeta’ konvenuta tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------